MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2529/2002

**Mario Callus**

**Vs**

**Rudy Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta’ Lm486.30c (erba’ mija u sitta u tmenin lira Maltin u tletin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati fil-vettura GMY 067 propjeta’ tal-attur konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku mal-vettura IAU 689 misjuqa mill-konvenut prevja dikjarazzjoni li dawn id-danni dovuti lill-attur wara accertament u kundanna
tal-konvenut u wara l-likwidazzjoni u kundanna ta’ hlas tal-fuq imsemmija danni.
L-incident sehh go Naxxar Road San Gwann fil-25 ta’ Lulju, 2002 meta l-konvenut ghamel surpass perikoluz.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ai terminu tal-Kap 104 kif ukoll spejjez legali ammontati ghal Lm40.25c (erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) bl-imghax legali minn notifika ta' l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut baqgha kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------